MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Avviz Numru. 302/2013

**Michael Chircop (ID 461279M)**

**vs**

**Riviera Resort Limited (C 23519)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Ottubru 2013 fejn l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasu s-somma ta' hamest elef, disgha mija u sbatax-il euro u ghaxar centezmi (€5,917.10) rapprezentanti ammont bilancali dovut lilu mis-socjeta konvenuta ta' merkanzija mibugha u kkonsenjata lilha, kif ahjar deskritt fl-avviz..

Bl-ispejjez, inkluz tal-Ittra Ufficjali 1646/13 u tal-Mandat ta' Qbid Nru 2289/13 u bl-imghax bi tmienja fil-mija mis 26 ta' Jannar 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lis-socjeta intimata fis-17 ta' Ottubru 2013.

Illi fis-seduta tat-2 ta' Dicembru, 2012 l-attur ipprezenta nota ta' cessjoni fil-konfront tas-sorte filwat illi zammu ferm ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez, filwaqt illi pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 6).

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Dicembru is-socjeta konvenuta u rappresentant taghha gew imsejjha izda ma deherux, la biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li l-ispejjez ghadhom dovuti issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni kif mitluba tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici limitatament ghal dak li jirrigwarda il-kap ta' l-ispejjez w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur l-ispejjez kollha kif mitluba fil-avviz promotur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------